*STAY AWARE OF THE FIRE DANGER RATING AND KNOW WHAT TO DO.*

# ŻOMM RUĦEK INFURMAT/A DWAR IL-FIRE DANGER RATING U KUN AF X'GĦANDEK TAGĦMEL.

Il-Fire Danger Rating ibassar kif jiżviluppa nar jekk jibda jaqbad inkluż kemm ikun diffiċli biex jintefa'.

Aktar ma jkun ogħla r-rating, aktar ikunu perikolużi l-kundizzjonijiet. Ir-rating huwa s-sinjal għalik biex taġixxi, għalhekk biex tibqa' salv/a għandek tibqa' tkun infurmat/a bil-Fire Danger Rating fid-distrett tiegħek.

Waqt l-istaġun tan-nar, il-Fire Danger Rating ikun inkluż fit-tbassir tat-temp, jixxandar fuq ir-radju u t-TV, u jidher f'xi gazzetti.

Ikun jista' jinstab ukoll fuq il-websajts tas-CFA, Department of Sustainability and Environment u l-Bureau of Meteorology, billi ċċempel lill-Victorian Bushfire Information Line fuq 1800 240 667 jew permezz tan- National Relay Service 1800 555 677.




| | X'IFISSER? | X'GĦANDI NAGĦMEL? |
|---|---|---|
| **CODE RED** | › Dawn huma l-agħar kundizzjonijiet għal nar tal-buxx (bush) jew tal-ħaxix (grassfire).<br>› Id-djar m'humiex iddisinjati jew mibnija biex jikkumbattu nirien f'dawn il-kundizzjonijiet.<br>› L-aktar post salv fejn għandek tkun huwa li tkun 'il bogħod minn inħawi ta' riskju għoli ta' nirien tal-buxx (bushfire). | › Li titlaq minn inħawi ta' riskju għoli ta' nar tal-buxx (bushfire) il-lejl ta' qabel jew kmieni fil-ġurnata tkun l-aktar għażla salva tiegħek – toqgħodx tistenna biex tara x'se jiġri.<br>› Skarta fejn hemm ħafna siġar, buxx dens u twil, ħaxix niexef.<br>› Kun af meta għandek taġixxi – agħmel deċiżjoni dwar:<br>– meta se titlaq<br>– fejn se tmur<br>– kif se tasal hemmhekk<br>– meta terġa' lura<br>– x'tagħmel jekk ma tkunx tista' titlaq. |
| **EXTREME** | › Stenna kundizzjonijiet ta' sħana estrema, bin-nixfa u bir-riħ.<br>› Jekk jibda nar u jaqbad sewwa, ikun bla kontroll, ma tkunx taf kif se jiżviluppa u jinfirex malajr. Jibdew irqajja ta' nirien, jimxu b'ħeffa u jiġu minn ħafna direzzjonijiet.<br>› Djar li jkunu f'pożizzjoni u mibnija jew modifikati biex jilqgħu nar tal-buxx (bushfire), li jkunu ppreparati sewwa u ddefenduti attivament, jistgħu jipprovdu sigurtà.<br>› Għandek tkun fiżikament u mentalment ippreparat/a biex tiddefendi f'dawn il-kundizzjonijiet. | › Ikkunsidra li toqgħod mal-proprjetà tiegħek biss, jekk tkun ippreparat/a sal-ogħla livell. Dan ifisser li darek għandha tkun f'pożizzjoni u mibnija jew modifikata biex tilqa' nar tal-buxx (bushfire), inti tkun ippreparat/a sewwa u tkun tista' tiddefendi attivament id-dar tiegħek jekk jibda xi nar.<br>› Jekk ma tkunx ippreparat/a sal-ogħla livell, li titlaq kmieni, inħawi ta' riskju ta' nar tal-buxx (bushfire) tkun l-aktar għażla salva tiegħek.<br>› Oqgħod attent/a għal kundizzjonijiet lokali. Fittex l-informazzjoni billi tisma' r-radju lokali tal- ABC, stazzjonijiet tar-radju kummerċjali jew komunitarji magħżula, jew billi tara Sky News TV, iżżur **cfa.vic.gov.au**, iċċempel lill-Victorian Bushfire Information Line fuq **1800 240 667** jew permezz tan-National Relay Service **1800 555 677.** |
| **SEVERE** | › Stenna kundizzjonijiet sħan, ta' nixfa u possibilment bir-riħ.<br>› Jekk jibda nar u jaqbad sewwa, jista' jkun bla kontroll.<br>› Djar ippreparati sewwa li jkunu iddefenduti attivament jistgħu jipprovdu sigurtà.<br>› Trid tkun fiżikament u mentalment ippreparat/a biex tiddefendi f'dawn il-kundizzjonijiet. | › Djar ippreparati sewwa li jkunu iddefenduti attivament jistgħu jipprovdu sigurtà – iċċekkja l-pjan tiegħek ta' kif issalva min-nar tal-buxx (Bushfire Survival Plan).<br>› Jekk ma tkunx ippreparat/a, li titlaq kmieni fil-ġurnata minn inħawi b'tendenzi ta' nirien tal-buxx (bushfire-prone) tkun l-għażla l-aktar salva għalik.<br>› Oqgħod attent/a għal kundizzjonijiet lokali. Fittex l-informazzjoni billi tisma' r-radju lokali tal- ABC, stazzjonijiet tar-radju kummerċjali jew komunitarji magħżula, jew billi tara Sky News TV, iżżur **cfa.vic.gov.au**, iċċempel lill-Victorian Bushfire Information Line fuq **1800 240 667** jew permezz tan-National Relay Service **1800 555 677.** |
| **VERY HIGH**<br>**HIGH**<br>**LOW-MODERATE** | › Jekk jibda nar, x'aktarx li jista' jkun ikkontrollat f'dawn il-kundizzjonijiet.<br>› Kun af kif in-nirien jistgħu jibdew u naqqas ir-riskju.<br>› Ħruq ikkontrollat jista' jsir f'dawn il-kundizzjonijiet jekk ma jkunx ta' periklu li jsir hekk – iċċekkja biex tara jekk japplikax permess għal dan. | › Iċċekkja l-pjan tiegħek ta' kif issalva min-nar tal-buxx (Bushfire Survival Plan).<br>› Segwi l-kundizzjonijiet.<br>› Tista' tkun meħtieġa azzjoni.<br>› Itlaq jekk ikun hemm bżonn. |

Għal aktar informazzjoni: **1800 240 667** jew **1800 555 677** (National Relay Service) jew **cfa.vic.gov.au**